**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 371/2017**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 2304/2017 intavolata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet:**

**Roxanne Cauchi**

**vs**

**Aaron Schembri**

**Illum, 14 ta' Marzu 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tar-rikorrent li jgħid hekk:

Preliminari

Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in kwantu t-titolu ezekuttiv miksub

mill-intimata bis-sahha ta' l-ittra ufficcjali bin-numru 2304/2017 ghandu jigi rexxiss u ddikjarat null u bla effett, billi l-imsemmija ittra ufficcjali ma gietx notifikata lill-esponenti skond il-ligi, u billi wkoll l-istess ittra ufficcjali ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi *ad validatem.*

Illi l-ittra ufficcjali mpunjata permezz tal-prezenti saret mill-intimata fit-3 t'Ottubru 2017, fejn hi ddikjarat li gej:

> Illi l-mittenti kienet tislef ammonti ta' flus lill-intimat ghal dak kollu li kien ikollu bzonn liema ammonti kienu jithallsu b'pagamenti;
>
> Illi l-mittenti ghad fadlilha tiehu minghand l-intimat is-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u sittin Ewro (€12,460) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti din is-somma self brevi manu;
>
> Illi l-intimat naqas ihallas dak minnu dovut u dana minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi u ghalkemm interpellat thallas inti bqajt inadempjenti.

Nullità minhabba nuqqas ta' notifika skond il-ligi

Illi l-ittra ufficcjali in kwistjoni giet reza ezekuttiva ghaliex giet notifikata lil Edwin Schembri fl-indirizz 25, Jennifer, Triq Lanzon, Tarxien.

Illi l-esponenti jispjega illi huwa residenti fl-indirizz 102, Triq Santa Marija, Tarxien, kif taf tajjeb l-intimata, li ghamlet zmien tikkoabita mieghu f'dak l-indirizz. Tant hu hekk illi l-intimata, f'tentattiv precedenti li ghamlet b'ittra ufficcjali bin-numru 409/2017, indikat l-indirizz imsemmi ghan-notifika ta' l-esponenti. Kien biss meta ressqet ittra

ufficcjali mill-gdid permezz ta' dik meritu ta' dan ir-rikors illi ndikat l-indirizz 25, Jennifer, Triq Lanzon, Tarxien.

Illi l-indirizz 25, Jennifer, Triq Lanzon, Tarxien, huwa l-indirizz tan-nanna paterna ta' l-esponenti, filwaqt li Edwin Schembri, il-persuna li laqghet l-att gudizzjarju, huwa missier l-esponenti. Jigi spjegat li bejn l-esponenti u missieru m'hemmx relazzjonijiet tajbin, tant li ilhom zmien twil ma jitkellmu.

Illi l-materja hija regolata mill-Artikolu 187(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li fil-parti rilevanti tieghu jghid:

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha*

Illi mid-disposizzjoni fuq kaptata, huwa evidenti li notifika titqies li tkun saret bis-segwenti modi:

(i) bil-kunsinna ta' l-att lil persuna li lilha jkun destinat l-att (f'dan il-kaz, l-esponenti) kull fejn dik il-persuna tkun tinstab. Din hija 'l hekk imsejha "notifika diretta";

(ii) bil-kunsinna ta' l-att lil membru tal-familja jew tad-dar fil-lok fejn toqghod jew fl-indirizz postali jew fil-post tax-xoghol tal-persuna li lilha jkun destinat l-att;

(iii) f'idejn wiehed fis-servizz tal-persuna li lilha jkun destinat l-att, jew f'idejn prokuratur taghha jew fidejn persuna awtorizzata li tircievi l-posta, f'wiehed mill-postijiet imsemmijin fil-paragrafu (ii).

Illi l-indirizz 25, Jennifer, Triq Lanzon, Tarxien la huwa l-post fejn joqghod l-esponenti, la huwa l-indirizz postali tieghu u lanqas huwa l-post tax-xoghol tieghu, u allura l-uniku mod kif l-esponenti setgha jigi notifikat f'dak l-indirizz huwa permezz tan-notifika diretta, u cioè jekk huwa stess kien f'dak l-indirizz fil-mument li jigi l-ufficcjal inkarigat mill-kunsinna ta' l-att.

Illi n-notifika indiretta m'hijiex legalment possibbli fl-indirizz in kwistjoni, u ghalhekk in-notifika ta' l-ittra ufficcjali in kwistjoni ma saritx skond il-ligi.

Nullità minhabba rekwiziti neqsin

Illi bla pregudizzju ghall-premess, din l-ittra ufficcjali ma tissodisfax ir-rekwizit mehtieg mil-ligi ad validatem, a tenur ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi kif jirrizulta mill-ittra ufficcjali li qed tigi mpunjata permezz tal-prezenti, l-intimata naqset ghal kollox milli tiddikjara b'mod car "...r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba", ilkoll htigiet dawn li huma rikjesti taht piena ta' nullità mil-ligi.

Illi kull ma ghamlet l-intimata, fl-ittra ufficcjali spedita minnha u permezz tal-prezenti mpunjata, huwa li tghid li l-ammont mitlub minnha kien bilanc minn somma akbar mislufa lill-esponenti brevi manu, u dan minghajr ebda indikazzjoni dwar kemm kienet din is-somma akbar, meta gew allegatament mislufa dawn l-ammonti u kif gew mislufa, u x'hallas minnhom l-esponenti.

Illi hija gurisprudenza awtorevoli illi sabiex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi nvokat mill-esponenti, "Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficcjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba - f'dan il-kaz, "l-appalt ta' l-injam" - imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad ahjar li jammetti jew jirripella, skond il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "appalt fuq l-injam ", ma jikkostitwux dikjarazzioni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu, etcetera". Similment, gie ritenut ukoll dwar l-uzu tal-frazi "ghal xoghol u parts li huwa ghamel fuq struzzjonijiet tieghek" f'dan il-kuntest li hekk ukoll il-vot tal-ligi mhux sodisfatt, u li "Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficcjali in-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol u spjega ta' l-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li saru u li tieghu qed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficcjali".

Illi anke f'dan il-kaz, l-intimata llimitat ruhha li tghid biss li l-ammont minnha reklamat jirraprezenta bilanc minn somma akbar mislufa lill-esponenti brevi manu, u ghalhekk ghal dan il-ghan japplikaw ukoll *mutatis mutandis* il-konsiderazzjonijiet esposti fid-decizjonijiet appena citati.

Illi wiehed kien jistenna li l-intimata taghti taghrif sufficcjenti dwar il-pretensjoni taghha, u dan multo magis meta jitqies li sa ftit xhur ilu, u

cioè fi Frar 2017, l-istess intimata kienet hadet gurament illi l-ammont skond hi dovut lilha mill-esponenti kien jammonta ghal €7,000, u dan permezz ta' ittra ufficcjali ohra bin-numru 409/2017, u li baqghet qatt ma giet notifikata lill-esponenti (kopja annessa bhala Dok A). Wiehed kien ukoll jistenna spjegazzjonijiet aktar dettaljati ghaliex fl-ittra nterpellatorja tas-17 t'Ottubru 2016 (kopja annessa bhala Dok B), l-istess intimata kienet qed tallega illi l-ammont dovut lilha kien ta' €22,000.

L-intimata kellha, fl-ittra ufficcjali impunjata permezz tal-prezenti, taghti spjegazzjoni ghalfejn l-ammont pretiz minnha u mahluf minnha fi Frar 2017 zdied kif zdied sa Ottubru 2017, però xejn minn dan ma jirrizulta mill-ittra ufficcjali in kwistjoni.

Ghalhekk ukoll dik l-ittra ufficcjali hija nulla.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh f'gimghatejn kif irid l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
(2) tiddikjara nulla u minghajr effett l-ittra ufficcjali bin-numru 2304/2017 intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ismijiet "Roxanne Cauchi vs. Aaron Schembri" stante li ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici appena citat u/jew stante li ma gietx notifikata lill-esponenti skond il-ligi, u per konsegwenza tirrexxindi l-istess ittra ufficcjali;
(3) tirrevoka, thassar u tikkancella l-mandat ta' sekwestru bin-numru 2345/2017 fl-ismijiet "Roxanne Cauchi vs. Aaron Schembri", u dan kollu previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimata ma prezentat l-ebda risposta.

Rat l-atti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi **l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid:

> **"***(1) F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq*[1] *u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin:......*
>
> *(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali,*[1] *illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament*

[1] Enfasi tal-Qorti

*mill-kreditur*[1]*, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur*[1] *fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba*[1]*:*

*(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:.....*

*(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika*[1] *tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha*[1] *għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*[1]

*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett*[1] *jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta: (i) li d-*

[1] Enfasi tal-Qorti

*debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):....*"[1]

**Il-fatti fil-qosor:**

Ir-rikorrenti intimata qed titlob bilanc minn ammont li tghid illi hija kienet selfet brevi mano lill-intimat rikorrenti. L-intimat jopponi din it-talba ghaliex (1) jikkontesta il-validita tan-notifika tal-ittra ufficjali u (2) kif ukoll jikkontesta illi l-ittra ufficjali ma tilhaqx l-elementi rikjesti mil-ligi taht piena ta' nullita.

**Kunsiderazzjonijiet:**

**1. In-Nullità tan-notifika tal-ittra ufficjali**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrenti intimata kienet taf ben tajjeb fejn jirrisjedi l-intimat rikorrenti. Dan ghaliex ukoll hija kienet ghamlet zmien tghix mieghu. Mhux biss izda l-ewwel ittra ufficjali li qatt ma giet notifikata lilu fil-fatt kienet indirizzata fl-indirizz tar-residenza tieghu. Ir-rikorrenti intimata kellha rimedji ohra bil-ligi sabiex tinnotifika l-ittra fl-indirizz residenzjali tal-intimat rikorrenti li certament ma humiex li tipprezenta ittra ufficjali ohra b'indirizz li hija kienet taf li l-intimat rikorrenti ma jghix fih.

Mhux biss izda l-ufficjal rapprezentant tal-ID Malta xehed illi l-intimat rikorrenti ilu jghix fl-indirizz 102, Triq Santa Marija, Tarxien ghal diversi snin.

Ir-rikorrenti intimata la ghamlet risposta bil-miktub biex tikkontesta dak li qed isostni l-intimat rikorrenti u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex issostni l-posizzjoni taghha. Mhux biss izda bl-ebda mod ma gie kontestat li l-indirizz li

[1] Enfasi tal-Qorti

fih giet notifikata l-ittra ma hux ir-residenza tal-intimat rikorrenti. Anzi dan il-fatt gie ammess mir-rikorrenti intimata fis-sottomissjonijiet finali taghha. Inghatat biss ir-raguni li kien hemm diffikultà biex l-intimat rikorrenti jigi notifikat fir-residenza tieghu.

Illi ghalhekk dan l-aggravju mressaq mill-intimat rikorrenti huwa gustifikat u jgib in-nullità tal-validita tan-notifika tal-imsemmmija ittra ufficjali.

**2. Ir-rekwiziti mehtiega mil-ligi taht piena ta' nullità**

It-titolu ezekuttiv li jkollu kreditur bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghandu jigi dikjarat null u bla effett meta *"...... l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

L-Artikolu 166A jipprovdi li fl-ittra ufficjali: *"ghandu jigi dikjarat b'mod car, **taht piena ta' nullità**, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."*. Mela dan hu wiehed mill-htigijiet li tezigi l-ligi u li minhabba fih jista' jhassar titolu ezekuttiv li kreditur jottjeni bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali ta' Cauchi ma inghatat l-ebda raguni ghat-talba taghha hlief li kien hemm self brevi mano. Imkien ma jissemma meta u kif sar dan is-self u r-raguni ghaliex sar dan is-self u xi ftehim kien hemm bejn il-partijiet rigwardanti tali self.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha ***"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."*** Anke d-dikjarazzjoni tal-fatti mehtiega mil-ligi ma taghti l-ebda spjegazzjoni ghajr li tirrepeti l-kontenut tal-ittra ufficjali. In oltre fil-kaz odjern kemm l-ittra legali kif ukoll l-ewwel ittra interpellatorja li ntbaghtet lill-intimat rikorrenti jaghmlu talba ghall-ammont differenti minn dik tal-ittra ufficjali illi qed tigi attakkata

b'dawn il-proceduri. Illi ghalhekk lanqas jista' jinghad li is-somma hija dejn cert kif trid il-ligi taht l-Artikoli 166A.

Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollix titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, u huwa ghalhekk illi hemm il-htiega li l-ittra ufficjali jkollha ***"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba."***. Madankollu dan ir-rekwizit hu *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullità tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghalhekk ghandu obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju, ir-rikorrenti intimata f'dan il-kaz ma lahqitx l-elementi rikjesti mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda ghar-raguni hawn fuq moghtija:-

1. Tiddikjara nulla l-ittra ufficjali numru 2304/2017 prezentata fl-21 ta' Dicembru 2017 minn Roxanne Cauchi kontra Aaron Schembri u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv.
2. Tirrevoka, thassar u tikkancella l-mandat ta' sekwestru numru 2345/2017 fl-ismijiet Roxanne Cauchi vs Aaron Schembri.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur